L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni: 18 ta' Gunju 2004

# Inkubu Gonzi

Ir-rizultati ta' l-elezzjoni tal-Membri Parlamentari Ewropej ftit li xejn kienu mistennija li se jkunu daqshekk spettakolari. Lill-poplu Malti drajnieh li biex ibiddel il-partit politiku tieghu qisu qed ibiddel ir-religjon jew forsi d-dar. Diga ntqal hafna minn hafna ohrajn li kitbu fil-gurnali, izda xorta wahda nixtieq naghmel l-osservazzjonijiet tieghi dwar dak li nnutajt wara dawn l-elezzjonijiet.

**Sant inkredibbli**
Sant minn 'mhux kredibbli' jidher li ma sarx biss 'kredibbli' izda 'inkredibbli'! Wara kampanja ta' snin kontrih bi slogans ta' 'Ma tistax tafdah' jidher li l-poplu ma rrealizzax biss li kien biss Sant li kien kredibbli, izda l rnexxielu jaghmel ukoll rebha inkredibbli.

**Inkubu Gonzi**
Dawn l-elezzjonijiet zgur li huma l-inkubu ta' Dott. Gozni li qed ipatti bil-qares ta' l-agir tal-Partit Nazzjonalista, specjalment matul dawn l-ahhar snin. Veru li qed ipatti tan-nofs veritajiet u habi ta' Dottore iehor li gie qablu, izda wara kollox hu stess kien deputat mexxej tal-gvern li issa spicca se jiggverna b'vot ta' sfiducja record mill-poplu, sena biss wara li giet elett. F'dawn l-elezzjonijiet kollox gie hazing ghall-Partit Nazzjonalista.

**Veru li fuq tlieta toqghod il-borma**
Wara li l-Partit Laburista kellu jghaddi minn esperjenza ta' tlett mexxejja (Prim Ministri jew ex-) fil-kwistjoni UE, daqshekk iehor beda jghaddi minnha l-PN. Minn Mintoff-Mifsud Bonnici – Sant issa jidher li wasalna fil-parti tas-saga l-ohra ta' Fenech Adami – Gonzi – Dalli. Barra minn hekk jidher ukoll car li l-poplu minn issa se jibda jassisti ghal tlett ilhna politici. Ghandna gvern elett fl-2003 li qieghed hemm legalment izda qajla legittimament wara l-vot ta' sfiducja spettakolari u eccezzjonali ta' nhar is-Sibt; Partit Laburista li jista' jiftahar li ghandu maggoranza, izda m'ghandux il-gvern, kif ukoll nemmen li issa twieled mill-gdid partit politiku iehor li ghalkemm ilu jezisti biss biss din il-gimgha stajna nindunaw b'liema awtorita' beda jiddefendi ruhu wara wirja daqshekk qawwija f'dawn l-elezzjonijiet. Din ta' l-ahhar pero' tghodd biss jekk gvern Nazzjonalista ihallix jew le lil dan il-partit jinhaq jew le.

**'Innissel mibgheda bejn nislek u bejn nisilha'**
L-inkubu Gonzi donnu jikkonsisti bil-kbir, iktar milli fil-Partit Laburista, fl-Alternattiva. Mentri fil-programm Xarabank deher sewwa li 'fra due litiganti il terzo gode', fil-programm Bondi ta' nhar it-Tlieta din dehret ukoll! Izda menti deher car f'Xarabank li wara li l-mexxejja tal-PN u ta' l-MLP bdew jitbaqbqu bejniethom, Vassallo beda joqghod dejjem kwiet biex fl-ahhar jghid l-ahhar kelma b'mod effettiv, f'Bondi+ deher daqstant iehor car li l-Kap tal-Partit Laburista seta' jiehu naghsa sakemm jiddibattu Gonzi u Vassallo. Izda l-attakki kontinwi li l-PN jitfa' fuq l-Alternattiva, huma xi haga inkredibbli. Donny li Gonzi ffissa fuq il-fenomenu Alternattiva u lest li almenu jekk ma jhaggarx lil Vassallo fizikament, ihaggru verbalment.

Il-mibgheda li donnha qed titnissel bejn il-PN u l-Alternattiva donna li mhix se tkun xi relazzjoni li tghaddi. Tattikament pero' jista jkun li l-PN tant waslu fl-ahhar li qeghidn jirriducu ruhhom ghal strategiji li ma jrebbhux voti. Ghax suppost jafu sewwa li iktar kemm iqajmu pika ma' l-Alternattiva iktar l-Altnernattiva tahdem bil-qalb l-elezzjoni li jmiss u iktar l-istess votanti jaraw in-nuqqas ta' demokrazija li tant qed jattakka biha Vassallo. Pero' li l-PN waslu fi stat bhal dan wiehed jifhimha.

**PN-Alternattiva**

Il-problema hi li l-Alternattiva qed jehlu intortament ghax wara kollox il-MLP gab tliet kwoti xorta. Fil-verita' kien ir-raba siggu tal-PN li kien mhedded mill-Alternattiva u mhux it-tielet. L-arroganza u l-'bullying' li l-PN, specjalment permezz ta' Gonzi nnifsu, fuq l-Ad hija aktar milli evidente u probabbilment se tissaraf f'taqbida dejjiema u serja bejn iz-zewg partiti.

Li gara hu li l-Gvern tal-PN, il-bull terrier, biex jevita' li jiggieled ma' Sant – bull terrier daqsu jew issa anke iktar minnu – qed joqghod jiggieled mac-chiuaua (Alternativa) biex taparsi juri sahhtu. Sitwazzjoni patética li taghmel dizunur lill-PN u minnha se jibbenefikaw bis-shih kemm l-MLP u l-Alternattiva!

Jiena wahda minn dawk li nemmen li l-Alternattiva se tiehu postha darba ghal dejjem fil-politika Maltita – dan grazzi specjalment ghat-tghassida li holoq Gvern Nazzjonalista qabel din l-elezzjoni. Wiehed ma jistax jinnega li ghalkemm il-Partit Laburista u l-Alternattiva hadmu bis-shih ghar-rizultati miksuba, daqshekk iehor gew meghjuna mill-PN innifsu bl-arroganza li wera ma certi setturi u t-tahwid fit-tmexxija tal-pajjiz, iz-zieda fit-taxxi, qtughta' sussidji (bhal fil-kaz tas-sidien tal-karozzi tal-linja), u fatturi ohra bhal gideb u tghawwig tal-verita'.

**Fatturi favor u kontra l-Partiti**

F'din l-elezzjoni l-partiti l-kbar donnhom kienu qed jikkompetu bejniethom min se jitlef l-iktar! Il-MLP tilef mas-16,000 vot skond cifri li qaghadt fuqhom jien, mentri l-PN ghamel ghaddsa kolossali ta' madwar 49 elf vot. Il-PN nizel taht l-40 fil-mija, li kien ilu ma jaraha mill-1953, izda wiehed lanqas ma jrid ihares lejn l-istatistika hekk. L-istabbilita' taz-zewg partiti ewlenin donna bidet mill-elezzjoni ta' l-1966 u minn dak iz-zmien 'l hawn id-distakk bejn iz-zewg partiti qatt ma lahaq il-5% mentri f'din l-elezzjoni hemm distakk ta' 9%! Dan jista' jfisser li morna 50 sena lura fil-politika (mhux f'sens dispreggjattiv) u ghalhekk jista' wkoll ifisser li gej zmien twil u sabih ghall-Partit Laburista f'Malta!

F'din l-elezzjoni l-Partit Laburista kellu diversi partitarji tieghu li ma vvutawx jew hassru l-vot fuq il-bazi li qabel l-elezzjoni tas-sena l-ohra l-Partit xtaq relazzjonijiet differenti ma' l-U.E. Kellu wkoll ghadd ta' nies li ma hargux jivvutaw ghax ma tawx importanza bizzejjed lil din l-elezzjoni.

Dawn iz-zewg fatturi tellfu lill-MLP izda ftit li xejn setghu jkunu trasferibbli fuq PN jew l-Alternatttiva. Il-kaccaturi setghu ivvutaw lill-kandidat taghhom flok l-MLP, izda ovvjament dawk li kienu kontra shubija shiha ma setghu qatt jaghu l-vot taghhom lill-PN u lanqas lill-Alternattiva. Il-Partit Laburista nistghu nghidu li kellu 'kontrih' ukoll l-element Mintoff li seta' kellu xi effett fuq il-votazzjoni.

Izda jidher li dan l-ostaklu gie eliminat mill-MLP.

Il-PN pero' kellu diversi fatti li gaghlu lis-soltu partitarji tieghu ma johorgux jivvutaw jew jivvutaw fuq partiti jew kandidati ohra jew ihassru l-vot. Il-politika hazina zgur li keient l-ikbar raguni li ghaliha l-votant deherlu li ghandu jivvendika ruhu minn jew ipattiha lill-PN. Kien hemm diversi setturi li ma hargux jivvutaw en bloc.

- Fost dawn insemmi l-bdiewa (li sahansitra gabru anke dokumenti tal-vot bhala protesta.
- Is-sidien tal-karozzi tal-linja (li se jinqataghlhom is-sussidju fi ftit zmien).
- Barra minnhekk ma rridux ninsew lill-haddiema fil-qasam industrijali li spicaw bla xoghol li kemm huma kif ukoll il-familji taghhom iddecidew li jivvutaw definittivament b'mod ta' protesta.
- Ma' dawn jistaghu jizdiedu wkoll haddiema ta' l-Air Malta u l-PBS, fi kliem iehor dawk kollha li gew ittraduti qabel l-elezzjoni, u issa qed ihallsu litteralment b'hajjithom ghall-ingann Nazzjonalista ghax spiccaw bla xoghol.
- Il-kaccaturi, li hemm hafna partitarji Nazzjonalisti minhom (jew ex-), ukoll ma setghux jivvutaw PN u setghu jivvutaw lill-kandidat taghhom.
- Settur iehor li nemmen li kien verament importanti kienu l-kummercjanti. Dawn raw il-kummerc taghhom jonqos xi kultant bil-mod, xi kultant drastikament. Il-kummercjant ibati

mal-konsumatur. Per ezempju mill-1 ta' Mejju 'l hawn persuna li ghandha hanut tal-haxix qaltli li qed taqla' Lm300 inqas fil-gimgha !

- Blokki ohra ta' votanti li rregettaw il-PN zgur li kienu fortizza ohra taghhom. Hadd hlief l-Ghawdxin – l-Ghawdxin li llum il-gurnata huma mugughin, ittraduti u minghajr tama li jkun hemm xi kambjament b'hajjithom dejjem issir iktar insulari u difficli finanzjarjament. L-Ghawdxin li se jkollhom jemigraw lejn Malta iktar minn qabel ghax il-prezz biex imorru u jigu kuljum se jispicca iktar minn kera ta' post gewwa Malta !
- Izda l-ahhar u mhux l-inqas – anzi fi klassi ghaliha – nistghu nsemmu t-Tarzna. It-Tarzna hija indikatur kbir u affidabbli tas-sitwazzjoni fil-pajjiz. Jekk tintmess it-Tarzna jaqa' l-gvern u ghalkemm din id-darba kien hemm forza ohra qawwija kontriha, cioe' dik ta' shubija fl-UE, xorta wahda t-Tarzna wriet li ghadha indikatur tal-polz politiku f 'dan il-pajjiz.

  Meta b'Tarzna qawwija kienet Malta sinjura, Malta b'Tarzna dghajfa kienet dejjem Malta fqira u minnha hargu r-revoluzzjonijiet. Din l-elezzjoni tista' wkoll titqies bhala rivoluzzjoni b'mod modern u fil-fatt ipprovdiet rivoluzzjoni ttardjata ta' meta jberraq fit-Tarzna (minkejja li wiehed jista' jghid li l-Gvern Nazzjonalista pprova jraqqa' l-pannu bil-qargha hamra billi jgieghel lill-haddiema jsewwu vapuri tal-gwerra flok tal-passiggieri !).

**Tkaxkira doppja**

Izda din mhix hlief konsegwenza naturali ta' l-arroganza li Gvern Nazzjonalista wera lejn l-ettorat. Mentri Partit Laburista jista' jghid li ghamel rebha assoluta u gheleb diversi diffikultajiet li kellu quddiemu. Partit Nazzjonalista sofra majnata kbira 'l isfel u mess il-qiegh billi lanqas biss skorra l-40%. Bi gvern kuljum isir inqas efficjenti il-PN qala' tkaxkira doppja ! Qala' zgur tkaxkira minghand l-MLP u ohra minghand l-Alternattiva. Imbaghad meta wiehed jara l-voti tal-kandidati individwali wiehed jista' jghid li l-kandidat tal-Kaccaturi u Norman Lowell, bla protezzjoni u ghajnuna ta' l-ebda partit, habbtuha ma' kandidati Nazzjonalisti ! U nteressanti wkoll il-vot ta' Emy Bezzina li wara kollox fih ir-relevanza tieghu.

Ma nafx kemm jaghmel tajjeb lil Gonzi li jidher tiela' fuq ajruplan privat biex imur sa Brussells u jahraq paga ta' sena ta' tliet haddiema f'sitt sieghat titjir meta l-qghad f'pajjizna qed jinxtered u jizdied bhall-hmira. Pero' probabbilment il-PN issa verament mess il-qiegh u l-ahhar li jonqsu jaghmel hu li jigdeb lilu nnifsu u johlom li dak li gara ma garax ! Mentri l-elettorat jibqa' jiddizgusta ruhu b'dak li qed jara b'ghajnejh